limlek, O Warda tal-Għola tal-Ġenna; Inti li minnek ippermetta l-Mulej li Ibnu jitwieled u li mingħandek l-Iben ta' Alla ried jgħix, is-Sultan tas-Sema w ta' l-Art!"

"Għażiża Madonna għixilna u veru għixilna r-ruħ tagħna bil-grazzja tal-kbir Alla; u Inti, Mulej Alla, kompli żomm dik l-Id setgħana Tiegħek biex ma tiġix użata li jkollna diżastru hekk kbir fid-Dinja, li ħa jisfaw vittmi ħafna nies mejta jekk allaħares qatt jiġu użati f'din il-gwerra mondjali armamenti kimiċi."



Għalqa–Santwarju fejn isir it-talb, il-Girgenti.

DIKJARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-Fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawn-hekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

Veritas Press — Żabbar. OTTUBRU 1990

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 4 OTTUBRU 1990 JITQASSAM BLA ĦLAS

## OTTUBRU: Ix-Xahar tar-Rużarju

Fil-ħafna dehriet tal-Madonna, insibu li Ommna tas-Sema tinsisti li nitolbu ħafna u nitolbu bil-qalb u mhux biss bil-ħalq. Hi tgħid li l-aktar talb li jogħġobha huwa r-Rużarju Mqaddes. Ħafna familji Maltin għadhom bid-drawwa li jgħidu r-Rużarju fil-familja u oħrajn imorru jgħiduh il-knisja. Sfortunatament hemm ħafna oħrajn li nsew kif tgħid ir-Rużarju! Nagħmlu ħilietna biex ngħallmu ż-żgħar jgħiduh u fejn nistgħu inħeġġu familji oħra biex jgħiduh għall-inqass dan ix-xahar. Affari ta' xi għaxar minuti kuljum.

## NOVEMBRU: Ix-xahar tal-Erwieħ

Tajjeb li niftakru fl-erwieħ qaddisa li għadhom fil-purgatorju. Dawn huma qaddisin li qegħdin ipattu għal nuqqasijiet qabel ma jidħlu l-Ġenna. Alla jħobbhom ħafna, lil dawn l-erwieħ; bl-interċessjoni tagħhom Alla jtina ħafna grazzji u għajnuniet oħra li jkollna bżonn fil-ħajja tagħna. Nistgħu noffru l-opri tajba kollha li nagħmlu għas-sufraġju ta' dawn l-erwieħ. Żgur li jpattuhulna aktar milli nistgħu nimmaġinaw!

### AVVIŻ IMPORTANTI

Id-Digriet tal-Konsagrazzjoni għall-Propagazzjoni tal-Fidi (A.A.S.N. 58 – 18 tad-29 ta' Diċembru 1966) li abbroga il-Kanoni 1399 u 2318, kien approvata mill-Q.T. Pawlu VI fl-14 ta' Ottubru 1966; u kien ippubblikat bl-awtorità ta' l-istess Papa.

Id-Digriet igħid: "MHUX PROJBIT LI XXERRED MINGĦAJR 'IMPRIMATUR' KITBIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MA APPARIZZJONIJIET, REVELAZZJONIJIET, VIŻJONIJIET, PROFEZIJI U MIRAKLI."

Għalhekk ħadd ma għandu jeżiġi xi 'imprimatur' speċjali mill-Kurja għall-pubblikazzjoni ta' dawn il-fuljetti. Madankollu aħna għamilna dikjarazzjoni li bl-ebda mod ma rridu ngħaddu ġudizzju fuq dak li hu sopranaturali fil-fatti imsemmija f'dawn il-fuljetti.

## Ġuża Mifsud u d-Devozzjoni tal-Madonna

Persuna li tattendi l-laqgħat ta' talb, il-Girgenti, irrappurtatilna li xi ħadd qalilha: "Ħafna devozzjoni lejn il-Madonna (kif qed ixxandar Ġuża Mifsud) tfixkel u ttellef id-devozzjoni ta' Ġesù."

Min jagħmel dikjarazzjoni bħal din juri li ma jafx x'inhi vera devozzjoni. L-imħabba ta' Ġesù ma tistax tinfired minn dik ta' Marija: mhux biss, anzi hi d-devozzjoni ta' Marija li għandha twassalna għand Ġesù. "Ad Jesum per Mariam", naslu għand Ġesù permezz ta' Marija.

Dan riedu Ġesù stess meta, qabel ma miet fuq is-Salib, iddikjara li Marija kienet Ommna. Ma taniex din l-Omm għal xejn. Iridna nħobbuha bħala Ommna u noqogħdu għad-direttivi tagħha biex insalvaw.

Il-qaddisin jagħmluha ċara li d-devozzjoni tal-Madonna hija ta' importanza kbira għas-salvazzjoni tagħna imħabba l-kobor tax-xogħol spiritwali li Alla jrid li l-Madonna twettaq fina biex tiffurmana bħala parti mill-ġisem mistiku ta' Ġesù li tiegħu Huwa r-Ras.

Insemmu xi ħaġa żgħira minn dak li kiteb il-qaddis Grignon de Monfort: "L-Ispirtu s-Santu, li fil-Għarusa tiegħu u permezz tagħha, wettaq dak il-kbir Misteru li huwa l-akbar xogħol imqaddes tiegħu, il-Misteru tal-Inkarnazzjoni tal-Verb Divin, għandu jipproduċi spiritwalment, permezz tagħha wkoll, il-qdusija tal-predestinati."

"Marija Santissima irċeviet minn Alla kull xorta ta' setgħat fuq l-erwieħ biex trabbihom u ġġegħelhom jikbru f'Alla u għal Alla." (Ara s-'Sigriet ta' Marija')

U allura kif jista' wieħed jikkritika lil Ġuża Mifsud għax tagħmel minn kollox biex ixxerred id-devozzjoni tal-Madonna u tħeġġiġna biex ikollna fiduċja sħiħa f'Marija Santissima? Wara kollox Ġuża tinsisti li ngħixu ħajja nisranija sħiħa imsaħħa bit-talb, bil-penitenza u bis-sagramenti speċjalment bl-Ewkaristija li għandha tkun iċ-ċentru ta' kull vera devozzjoni.

*ikompli fil-kolonna l-oħra*

Min jikkritika lil Ġuża Mifsud, jiċħad il-grajjiet tal-Girgenti u jipprova jħawwad l-imħuħ, imissu jasal wasla sa ħdejn l-istatwa tal-Madonna, il-Girgenti, u jagħmel talba sinċiera biex ikun jaf il-verità.

## Il-Knisja dwar il-każ tal-Girgenti

Fil-fuljetti li ppubblikajna s'issa tennejna kemm-il darba li l-Grajjiet tal-Girgenti għadhom ma ġewx approvati mill-Knisja u li b'daqshekk dan ma jfissirx li l-Grajjiet m'humiex awtentiċi u ma seħħewx jew li ġew ikkundannati.

Għalhekk ma nifhmux għaliex il-P.R.O. tal-Kurja għoġbu jiktbilna l-ittra li se nippubblikaw sħiħa:

Għażiż Editur,

Fil-ħarġa No. 2 ta' Leħen il-Girgenti, saret din il-mistoqsija affermazzjoni: "Il-Knisja qatt ċaħdet jew ikkundannat il-Grajjiet tal-Girgenti?... QATT. Igħodd dak li tgħid l-Awtorità u mhux il-gazzetti."

Fit-2 ta' Mejju 1987, permezz ta' Stqarrija għall-Istampa, il-Kurja ta' l-Arċisqof fakkret li d-dehriet li persuna mis-Siġġiewi iddikjarfat li qed ikollha mill-Madonna, "għadhom ma ġew bl-ebda mod approvati mill-Awtorità tal-Knisja f'Malta."

Fl-istqarrija ntqal ukoll: Għalhekk, pellegrinaġġi, devozzjonijiet u diskorsi b'konnessjoni ma' dawn id-dehriet ma jistgħux jiġu kunsidrati bħala awtorizzati mill-Awtorità Ekkleżjastika. L-istess Awtorità ma tistax tidħol bl-ebda mod bħala responsabbli għalihom."

Ninsab f'pożizzjoni ninfurmak li minn dak iż-żmien 'il hawn, is-sitwazzjoni għadha l-istess.

(L-ittra kienet iffirmata mis-Sur C. Buttigieg, P.R.O. Tal-Kurja tal-Arċisqof)